# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar 2002**

Citaz. Numru 195/00

Tritons Co. Ltd.

-vs-

Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li taqra:

Illi l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) u d-direttur tad-Dwana u tas-SISA permezz ta' zewg ittri ufficjali separati prezentati fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili spediti lis-socjeta' attrici fis-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000) ppretendew is-somma ta' sabatax-il elf mitejn u disa' liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm17,209.65) u s – somma ta' sitt elef disa' mija u erbgha u hamsin lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm6,954.73) rispettivament minghand is-socjeta' attrici.

Illi l-konvenut heddew illi ser jipprocedu bil-mandati ezekuttivi in segwitu ta' dik l-ittra.

Illi dik l-ittra ufficjali ma tista' qatt tintola lill-konvenuti sabiex jipprocedu b'mandati ezekuttivi kontra s-socjeta' attrici, l-ewwelnett ghaliex dak l-att minnu innifsu u intrinsikament huwa null stante illi huwa pprezentat f'Qorti zbaljata, ghaliex dan kellu jigi pprezentat fil-Qorti odjerna u mhux fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li ma hijiex il-Qorti kompetenti minhabba illi Tritons Co. Ltd u d-diretturi taghha huma lkoll residenti f'Ghawdex; fit-tieni nett dik l-ittra ufficjali ma tista' qatt taghti lill-konvenuti xi titolu ezekuttiv stante illi ma hijiex akkumpanjata b'dikjarazzjoni guramentata ai termini tal-ligi.

Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub u mahdum ex officio mill-konvenuti huwa wiehed eccessiv, grossolan u minghajr ebda bazi ta' xejn, b'mod illi jidher evidenti illi dan huwa abbuz ta' poter peress illi hu ibbazat fuq konsiderazzjonijiet improprji u rrelevanti.

Illi lanqas huwa car ghal x'hiex qed jintalab l-ammont.

Illi l-atturi jidrilhom illi din is-sitwazzjoni ghandha tigi rimedjata u dawk id-decizjonijiet kif kontenuti f'dawk l-ittri ufficjali mehuda arbitrarjament u bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u bi ksur ukoll ta' regoli tal-procedura huma nulli u bla effett u ghalhekk l-ebda titolu ezekuttiv ma jista' jregi minnhom, apparti li kif spjegat fuq dan it-titolu allegat hu proceduralment skorrett u null.

Illi hemm lok illi dawn id-decizjonijiet jigu mistharrga gudizzjarjament skond il-ligi.

Talbet is-socjeta' attrici ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara illi t-titolu ezekuttiv pretiz mill-konvenuti fil-fatt ma jezistix stante illi ma hux skond il-ligi procedurali.

2. Tiddikjara illi d-decizjonijiet tal-konvenuti kif kontenuti fl-ittri ufficjali imsemmija huma nulli u bla effett stante li huma mehuda arbitrarjament, abbuzivament u bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, kif ukoll bi ksur ukoll tar-regoli tal-procedura.

3. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-konvenuti fis-sens tat-talba kif minnhom maghmula u ta' l-ammont minnu pretiz, hija nulla u bla effett stante li mehuda illegalment.

4. Minghajr pregudizzju ghat-talbiet l-ohra tiddikjara illi fil-fatt l-ammont mitlub huwa eccessiv u ghandu jigi rivedut.

5. Tordna lill-konvenuti jirrevedu d-decizjoni taghhom, b'mod illi t-talba taghhom tkun wahda li tirrefletti s-sewwa u mhux mehuda b'mod arbitrarju.

6. Taghti dawk l-ordnijiet l-ohra li fid-diskrezzjoni taghha jidhrilha xierqa.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi t-taxxa fuq il-valur mizjud. Il-konvenuti jinsabu imharka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti.

Rat id-dikjarazzjoni annessa u debitament guramentata u l-lista tax-xhieda hemm akkluza u d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. illi in linea preliminari, dina l-Qorti hija gurisdizzjonalment inkompetenti ai termini ta' l-Artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-kawza kellha tigi intavolata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' Malta.

2. Illi l-ittri ufficjali pprezentati fis-16 ta' Ottubru 2000 kontra s-socjeta' attrici jikkostitwixxu titolu ezekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 48(1) ta' l-Att Nru XII ta' l-1994 u ta' l-artikolu 50 ta' l-Att Nru. XII tal-1997 u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-kompetenza tiddeciedi t-talbiet numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) tac-citazzjoni odjerna.

3. Illi c-citazzjoni odjerna m'hijiex sana stante li s-socjeta' attrici naqset milli tinnotifika lill-Avukat Generali u ghalhekk iz-zmien preskritt mil-Ligi sabiex tigi intavolata n-nota ta' l-eccezzjonijiet ma jistax jibda jigri u dan ai termini ta' l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi l-kawza odjerna hija nulla ai termini ta' l-Artikolu 789 tal-Kap 12 stante illi s-socjeta' attrici naqset milli issegwi l-procedura imnizzla fl-Artikolu 460(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li tittratta l-procedura li ghandha tigi segwita f'kawzi kontra l-Gvern.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-konvenuti huwa preciz u ezatt kif jidher mill-prospett hawn anness bhala Dok A u huwa bbazat fuq kalkolazzjonijiet maghmula mis-socjeta' attrici stess.

6. Illi m'huwiex minnu illi l-ittra ufficjali pprezentata mill-konvenuti m'humiex cari.

7. Illi c-citazzjoni odjerna giet intavolata biss sabiex is-socjeta' attrici tirbah aktar zmien sabiex taghmel il-hlas dovut lill-konvenuti u dan kif turi carament l-ittra datata 26 ta' Gunju 2000 mibghuta mis-socjeta' attrici hawn annessa bhala Dok B.

8. Illi ghar-ragunijiet fuq premessi l-konvenuti m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dina l-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni debitament guramentata, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi.

Rat il-verbal taghha tal-15 ta' Frar 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat:

Il-konvenuti permezz ta' l-ewwel eccezzjoni qeghdin isostnu l-inkompetenza ta' din il-Qorti li tisma' l-kawza "meta, ghalkemm ta' gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta, il-kawza tingieb quddiem Qorti diversa minn dik li ghandha tiehu konjizzjoni taghha" u dan ai termini ta' l-Artikolu 741(b) tal-Kap 12.

Dina s-sentenza tirrigwarda u hija limitata dwar din l-eccezzjoni.

Illi l-Kap 12 fl-artikoli 741 et seq jittratta l-kwistjoni ta' kompetenza. L-istess Kap fl-Artikolu 50 jistabilixxi li "il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) b'eskluzzjoni tal-Qrati ta' Malta, hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' kull persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-Qorti". Mhux biss izda skond ic-citat artikolu fl-attribuzzjoni taghha superjuri, bis-setghat u l-poteri ta' Prim'Awla tal-Qorti Civili, din il-Qorti hi obbligata li tiehu konjizzjoni tal-kawzi kollha "tax-xorta ta' dawk illi huma ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili", jigifieri l-kawzi kollha ta' natura civili u kummercjali u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom.

Illi ghall-finijiet ta' dina l-eccezzjoni din il-Qorti ma rriskontrat ebda fattur li minhabba fih tista' tabdika l-gurisdizzjoni taghha.

Konsegwentement qeghdha tichad din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tordna l-prosegwiment tal-kawza;

Spejjez riservati.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur